



*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0144/2024**

22.3.2024

\*\*\*

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istruмент għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri għall-perjodu 2021 sa 2027 (13936/2023 – C9-0462/2023 – 2023/0334(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Paulo Rangel

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġizlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġizlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## **WERREJ**

### **Paġna**

|   |    |
|---|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....                      | 5  |
| NOTA SPJEGATTIVA .....  | 6  |
| ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT<br>MINGĦANDHOM ..... | 9  |
| PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....  | 10 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....                  | 11 |



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri għall-perjodu 2021 sa 2027  
(13936/2023 – C9-0462/2023 – 2023/0334(NLE))

### **(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13936/2023),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwarf regoli supplementari b'rabta mal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri għall-perjodu 2021 sa 2027 (13935/2023)<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagraphu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwarf il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0462/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0144/2024),
  1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Prinċipat tal-Liechtenstein.

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/200, 04.1.2024, ELI: [https://eur-lex.europa.eu/eli/agree\\_internation/2024/200/oj?locale=mt](https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2024/200/oj?locale=mt)

## NOTA SPJEGATTIVA

### a. Sfond

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021 sa 2027 (ir-Regolament BMVI) ġie adottat fis-7 ta' Lulju 2021.

L-għan tar-Regolament BMVI huwa li jipprovdi assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati (Membri) li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fir-rigward tal-frontieri esterni. Dan jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li fih jipparteċipaw il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-*acquis* ta' Schengen (il-“pajjiżi assoċjati ma' Schengen” jew il-“pajjiżi assoċjati”).

Fit-18 ta' Awwissu 2021, il-Prinċipat tal-Liechtenstein innotifika d-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta l-kontenut tar-Regolament BMVI u li jimplimentah fl-ordni legali intern tiegħu.

Il-paragrafu 6 tal-Artikolu 7 tar-Regolament BMVI jipprevedi li għandhom isiru “arranġamenti” li jispeċifikaw in-natura u l-modi ta’ parteċipazzjoni fil-BMVI tal-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi. Dawn l-arranġamenti jieħdu l-forma ta' ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen f'konformità mal-Artikolu 216 tat-TFUE.

Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati<sup>1</sup> mal-Iżlanda, mar-Renju tan-Norveġja, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' dawk il-pajjiżi u r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021 sa 2027, inklużi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħat ta' awditjar tal-Qorti tal-Audituri, li għandhom jiġu konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>. In-negozjati mal-Prinċipat tal-Liechtenstein ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fis-16 ta' Ġunju 2023.

Fid-29 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-strument għall-appoġġ

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/442 tal-21 ta' Frar 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri (ĠU L 90, 18.3.2022, p. 116).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri, l-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontier.

Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar l-ifffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontier u għall-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri għall-perjodu 2021 sa 2027. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-28 ta' Novembru 2023 fi Brussell.

Fl-4 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill talab lill-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim imsemmi hawn fuq.

## b. Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

L-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri, jikkostitwixxi strument speċifiku fil-kuntest tal-*acquis* ta' Schengen imfassal biex jiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, filwaqt li jissalvagħwardja l-moviment liberu tal-persuni, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati dwar id-drittijiet fundamentali, u biex jappoġġja l-implimentazzjoni uniformi tal-politika komuni dwar il-viżi, u b'hekk jikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati u jsaħħa il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.

Ir-Rapporteur jaqbel li l-BMVI joffri l-opportunità li jiġu implementati azzjonijiet b'ġestjoni kondiviża, b'modi ta' ġestjoni diretta u indiretta, u dan il-Ftehim għalhekk għandu jiżgura li l-implimentazzjoni bi kwalunkwe wieħed minn dawn il-metodi titwettaq fil-Prinċipat tal-Liechtenstein f'konformità mal-prinċipji u r-regoli tal-Unjoni dwar il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji.

Ir-Rapporteur iqis ukoll li, minħabba n-natura speċifika tal-*acquis* ta' Schengen u l-importanza tal-applikazzjoni uniformi tiegħu għall-integrità taż-żona Schengen, ir-regoli kollha applikabbli għall-ġestjoni tal-programmi għandhom japplikaw għall-Prinċipat tal-Liechtenstein bl-istess mod kif japplikaw għall-Istati Membri.

Ir-Rapporteur iqis li l-konklużjoni ta' ftehimiet formali u legalment vinkolanti fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi assoċjati, għall-kuntrarju ta' tipi oħra ta'arranġamenti, hija ta' importanza kruċjali sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-iskrutinju pubbliku u s-sorveljanza demokratika. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-użu tal-baġit tal-UE.

Għandu jkun hemm aktar konformità ma' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra. Bis-saħħa tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni ta' Schengen, il-Prinċipat tal-Liechtenstein jeħtieġ lu jaċċetta bis-shiħi il-miżuri tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament BMVI, li jiżviluppaw jew jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen, u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji li huma stabbiliti fit-TFUE u fid-dritt tal-Unjoni li jislet il-baġi legali tiegħu mit-TFUE.

Il-ftehimiet jintroduċu wkoll mekkaniżmi speċifiċi għal aġġustamenti rapidi għall-ġestjoni Integrata tal-Frontier.

Prinċipat tal-Liechtenstein, fil-każ ta' bidliet fil-leġiżlazzjoni ewlenija tal-Unjoni rilevanti għall-implimentazzjoni, bħar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Il-ftehim jiżgura wkoll li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-BMVI jqis id-dewmien fil-parteċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen.

Barra min hekk, għall-kontrolli baġitarji u finanzjarji, l-Istati Membri huma soġġetti għal obbligi orizzontali (eż. il-kompetenza tal-Qorti tal-Audituri, tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), tal-UPPE u tal-Kummissjoni), li huma derivati direttament mit-Trattat jew minn leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni kif imsemmi hawn fuq. Dawn l-obbligi japplikaw *ipso facto* fl-Istati Membri u għalda qstant mhumiex stabbiliti fir-Regolament BMVI. Konsegwentement, dawn l-obbligi jeħtieġ li jiġu estiżi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein permezz tal-Ftehim ikkonċernat.

Fl-aħħar nett, il-ftehim fih ukoll dispożizzjoni dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS).

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur tagħkom iqis li huwa xieraq li jiġi stabilit Ftehim li jistabbilixxi r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fl-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontieri u għall-Politika dwar il-Viżi (il-“BMVI”) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2021 sa 2027 f’konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148 (ir-“Regolament BMVI”).

Fid-dawl ta’ hawn fuq, ir-Rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

|   |   |                    |  |
|---|---|--------------------|--|
| <b>Titolu</b>   | Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri  |                    |  |
| <b>Referenzi</b>  | 13936/2023 – C9-0462/2023 – 2023/0334(NLE)  |                    |  |
| <b>Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni</b>                 | 4.12.2023   |                    |  |
| <b>Kumitat responsabelli</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja            | LIBE<br>15.1.2024   |                    |  |
| <b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>15.1.2024   | BUDG<br>15.1.2024  |  |
| <b>Opinjoni(jet) mhux mogħtija</b><br>Data tad-deċiżjoni                        | AFET<br>28.11.2023  | BUDG<br>24.10.2023 |  |
| <b>Rapporteurs</b><br>Data tal-ħatra  | Paulo Rangel<br>22.1.2024   |                    |  |
| <b>Eżami fil-kumitat</b>  | 4.3.2024  |                    |  |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 19.3.2024   |                    |  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | +:<br>-:<br>0:  | 43<br>3<br>7       |  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                  | Magdalena Adamowicz, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Malin Björk, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Annika Bruna, Patricia Chagnon, Anna Júlia Donáth, Lena Dupont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Emil Radev, Paulo Rangel, Isabel Santos, Birgit Sippel, Tineke Strik, Milan Uhrík, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos |                    |  |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                               | Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, José Gusmão, Matjaž Nemec, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier  |                    |  |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>     | Pablo Arias Echeverría, Gabriele Bischoff, Gilles Boyer, Carlos Coelho, Rosa D'Amato, Radan Kanev, Antonius Manders, Gabriel Mato, Henk Jan Ormel, Dennis Radtke, Antonio Maria Rinaldi   |                    |  |
| <b>Data tat-tressiq</b>   | 22.3.2024   |                    |  |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

|           |   |
|-----------|---|
| <b>43</b> | <b>+</b>  |
| ECR       | Assita Kanko  |
| ID        | Annika Bruna, Susanna Ceccardi, Patricia Chagnon, Philippe Olivier, Antonio Maria Rinaldi   |
| PPE       | Magdalena Adamowicz, Pablo Arias Echeverría, Karolin Braunsberger-Reinhold, Carlos Coelho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Radan Kanev, Jeroen Lenaers, Antonius Manders, Lukas Mandl, Gabriel Mato, Henk Jan Ormel, Emil Radev, Dennis Radtke, Paulo Rangel, Javier Zarzalejos |
| Renew     | Malik Azmani, Gilles Boyer, Anna Júlia Donáth, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen   |
| S&D       | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Gabriele Bischoff, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva                           |

|          |  |
|----------|--|
| <b>3</b> | <b>-</b>                                 |
| The Left | Malin Björk, Cornelia Ernst, José Gusmão |

|           |   |
|-----------|---|
| <b>7</b>  | <b>0</b>  |
| NI        | Milan Uhrík   |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Rosa D'Amato, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, Erik Marquardt, Tineke Strik |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni